# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR. SILVIO MELI**
**LL.D.; Dip.Stud.Rel.; Dip.Can.Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert.Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha 13 ta' Frar tas-sena 2002.**

**Numru 3**

**Avviz numru 11/02/SM**

**Maltacom p.l.c.**

**vs**

**Doris Busuttil**

**Il-Qorti,**

**Rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenuta ghall-hlas tas-somma ta' elfejn, u sitta u hamsin lira Maltin u sebghin centezmi (LM2,056.70,0) rappresentanti ammont dovut in konnessjoni mas-servizz telefoniku bin-numru 234837 (skond kif jirrizulta mill-anness "statement" Dok. A) liema servizz gie stallat fil-fond numru 5, Triq il-Marsa, Marsa u dana skond ma kif jidher mill-anness "service agreement" Dok. B;**

**Bl-ispejjez komprizi dawk tal-presenti, tal-ittra ufficjali ta' Novembru 2000 u tat-taxxa fuq id-drittijiet professjonali u bl-imghaxijiet kontra l-konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni;**

**Wara li rat in-nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat (Art 698 (2) u 702 Proc Civili);**

**Billi ghalkemm notifikata regolarment il-konvenuta naqset u ma deheritx, la fil-5 ta' Frar tas-sena 2002 meta gew ipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;**

**Tiddeciedi billi tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici bl-ispejjez kontra l-konvenuta.**

**John Farrugia**
**Deputat Registratur**